# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru 47**

**Citaz. numru 584/91 DS**

Emanuel Cini
vs
Direttur tal-Avjazzjoni Civili

Illum, 18 ta' Mejju 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Gunju 1991 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenut kera lill-attur il-canteen tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili ghal perijodu ta' sena b'effett mill-1 ta' Frar 1988 sal-31 ta' Jannar 1989, u dan versu l-kera ta' sitt mitt lira (Lm600) jithallsu f'erba' rati trimestralment;

Illi din kellha tkun l-unika canteen fid-Dipartiment u kellha tikkejterja ghal cirka mitejn u hamsin (250) persuna;

Illi wara li beda jopera l-canteen, l-attur intebah li fl-istess Dipartiment kienu qed joperaw zewg “canteens” mhux ufficjali;

Illi minkejja l-protesti tal-attur il-konvenut l-ewwel cahad u wara qal li rrimedja, pero’ fir-realta dawn il-canteens baqghu joperaw u l-konvenut naqas li jzommhom b’mod effettiv;

Illi b’konsegwenza l-attur sofra danni konsistenti b’telf ta’ qliegh minhabba nuqqas ta’ bejgh tant li l-attur ma setghax jibqa’ jopera l-canteen;

Illi b’ittra ufficjali tat-18 ta’ Gunju 1990 huwa ta avviz lid-Direttur tal-Avjazzjoni Civili a tenur tal-Artikolu 460 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li kellu l-hsieb jagixxi biex jezigi minghandu d-danni reklamati.

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi, tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur konsistenti f’telf ta’ qliegh kagonati minn nuqqas ta’ kontrol ta’ bejgh mhux ufficjali u b’konkorrenza tal-canteen tal-attur, fil-premises tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi c-citazzjoni hija irritwali u nulla stante li hija diretta biss lejn l-otjeniment ta’ dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ waqt li l-attur m’ghandux interess guridiku f’semplici dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ ghal danni meta dawn li huma mitluba li jigu likwidati f’dan l-istadju f’xi procedura ulterjuri.

Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, it-talba ta’ l-attur ghandha tigi michuda billi m’ghandha l-ebda fondament fattwali jew guridiku in kwantu fl-ebda mument l-eccipjent ma halla li joperaw *canteens* mhux ufficjali fid-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili u qatt ma qal li kien irrimedja xi sitwazzjoni li ma kienitx skond il-kuntratt.

Salv u impregudikat kwalunkwe eccezzjoni ulterjuri f’kaz ta’ bzonn.

Rat id-dikarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta’ Mejju 1992 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat il-verbali tax-xiehda migbura mill-assistenti gudizzjarji Dr. Saviour Demicoli u Dr. M’Dolores Gauci;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz tac-citazzjoni l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghat-telf ta’ qliegh li huwa sofra minhabba nuqqas ta’ kontroll ta’ bejgh mhux ufficjali b’konkorrenza mal-*canteen* operata mill-attur fid-Dipartiment tal-konvenut. Fic-citazzjoni huwa jsostni li l-*canteen* li kien jopera hu, u li kellha tikkejterja ghal madwar 250 ruh, kellha tkun l-unika wahda fid-Dipartiment koncernat u wara li beda joperaha ntebah li kien hemm zewg *canteens* ohra mhux ufficjali. Huwa fuq dan l-aspett li l-Qorti se tibbaza l-konsiderazzjonijiet taghha u qed tiskarta l-ilmenti l-ohra li tqajmu matul il-gbir tal-provi u li ma jissubentrawx fil-parametri tac-citazzjoni kif proposta.

L-attur xehed li wara li kienet giet accettata l-offerta tieghu biex imexxi l-*canteen* fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, meta fetah sab li ftit li xejn kien hemm klijentela u bhala massimu kuljum kienu jmorru madwar erbghin persuna b’kollox. Huwa lmenta dwar dan diversi drabi ma’ Joseph Martinelli li kienet il-persuna nkarigata mill-kuntratt tieghu u li qallu jiehu ftit pacenzja peress li l-*canteen* kien ilu maghluq xi erba’ xhur. Huwa qal li mbaghad skopra li s-*supplier* tieghu kien qed jissupplixxi persuna ohra impjegata tal-Air Malta go *hangar* fl-areja tad-DCA u din il-persuna kienet imbaghad tbiegh lill-impjegati tal-Air Malta. Irrizultalu wkoll li l-Fire Section kienu jixtru kwantitajiet ta’ minerali u birra minghand l-istess agent ta’ Farsons li kien jissupplixxi lilu kif ukoll kienu jixtru minghand tal-Coca Cola. Qal ukoll li ghalkemm lmenta dwar dan ma’ Joseph Martinelli u mal-konvenut u li dawn weghduh li se jittiehdu passi biex jieqaf l-imsemmi bejgh, dawn xorta baqghu ghaddejjin bil-bejgh taghhom.

Joseph Martinelli kkonferma li mill-investigazzjoni li ghamel sab li kien hemm impjegat tal-Air Malta li kien ilu jbiegh minerali ghal zmien twil izda ppromettielu li ma kienx se jibqa’ jbiegh. Il-konvenut stess xehed li ghall-ilment ta’ l-attur li kienu qed jidhlu trakkijiet li kienu qed

jissupplixxu affarijiet ta' helu jew *confectionery* lil xi hadd impjegat tal-Air Malta, ghalkemm din il-persuna kienet awtorizzata mill-Air Malta stess biex ibieghhom, huwa waqqaf lil dawn it-trakkijiet milli jkomplu jidhlu sabiex b'hekk jipprotegi l-interessi ta' l-attur. Ghar-rigward tal-Fire Section, il-konvenut xehed li meta nhareg it-*tender*, l-impjegati tal-Fire Section, bhal diversi impjegati ohra, ma kinux ittihdu in konsiderazzjoni meta giet indikata klijentela approssimattiva ta' 250 persuna. U Emanuel Pantelleresco, maggur mal-FAM, xehed li l-Fire Section kienu jixtru affarijiet *in bulk* ghall-uzu personali taghhom minhabba ragunijiet ta' *shift*, pozizzjoni u distanza; inoltre ma kinux jaghmlu *business* mill-bejgh taghhom.

Il-*canteen* li kien jopera l-attur kien tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili. Jidher li l-impjegat tal-Air Malta li kien ukoll ibiegh xi affarijiet kien jahdem fl-Engineering Section ta' l-Air Malta. M'hemmx dubju li bhala impjegat tal-Air Malta l-konvenut ma kellux kontroll fuqu peress li mhux impjegat tieghu izda ha certi passi biex jipprotegi l-interessi ta' l-attur. Inoltre dwar il-Fire Section irrizulta li dawn ma kinux ittiehdu in konsiderazzjoni fil-hrug tat-*tender* minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' din is-sezzjoni, apparti l-fatt ma rrizultax li kienu qed imexxu *canteen* veru u proprju.

Fil-fehma tal-Qorti jidher li l-attur m'ghamilx indagini tas-sitwazzjoni sew qabel ma ghamel l-offerta tieghu. Lanqas ma jista' jigi skartat dak li xehed il-konvenut li qatt ma kellu lmenti mill-operaturi li dahlu wara li kien telaq l-attur, u li dwar l-attur kien ircieva lmenti dwar nuqqas ta' ndafa u l-mod kif kien jittratta l-haddiema. Joseph Martinelli semma' wkoll ilmenti dwar gholi ta' prezzijiet u inoltre li l-impjegati ma kellhom l-ebda projbizzjoni li jixtru minn x'imkien iehor.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ghandha tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur